# Ja Iblah, ma Temmınx?

*Ta'* JOHN C. FRIGGIERI

Kienet dagħwa li żarżret, li kisret is-sikta
U ħarbet fil-wesgħa tiġġerra mar-riħ
Fil-ġonna, fix-xagħri, fil-baħar, fuq l-iġbla,
U mkien ma sabet kenn, imkien bla ħajja,
Għax kollox fil-ħolqien jixhed il-kobor
U l-qawwa ta' bla qies ta' Dak li b'ħiltu
Ħalaq ix-xemx u l-kwiekeb
U d-dinja kif iddur,
Bnedmin, bhejjem u tajr, siġar u ħut,
Sa l-inqas dudu.
Tassew, tassew bla qalb,
Ibleh, nieqes mis-sewwa,
Min qal "Alla ma hemmx".

Kull ċaqliqa tal-weraq maż-żiffa sajfija
Tistqarr f'rogħda ħelwa lis-Sid tal-ħolqien,
U l-qtajja' t'għasafar għannejja ferrieħa
Titwennes mill-aħħar imrieżaq tax-xemx

Fuq l-ogħla quċċata tas-siġar, iroddu
Il-ħajr ta' filgħaxija
Bil-għana ħlejju
Li jġiegħlek għal waqtiet
Tinsa kull hemm tal-ħajja
U dduq ħlewwiet il-ġenna.
Tassew, tassew bla qalb,
Iblah, nieqes mis-sewwa,
Min qal "Alla ma hemmx".

U fil-ġonna tisirqek il-warda ta' Mejju
Titbandal mal-fewġa melliesa, u 'l fuq
B'rasha merfugħa titkellem hija wkoll
Mill-qawwa tal-Ħallieq illi sawritha
Bil-libsa tas-smewwiet minsuġa b'sengħa
Li l-bniedem ma jifhimx u lanqas jasal
Għax waħda l-id u Wieħed li jħaddimha
Kif jifhem Hu, is-Sid, il-Għerf, il-Qawwa,
Li kien minn dejjem
U jibqa' bla jintemm.
Tassew, tassew bla qalb,
Iblah, nieqes mis-sewwa,
Min qal "Alla ma hemmx".

U fil-wesgħa tas-sema fejn timraħ il-ħarsa,
Fid-difa li tgħaxxaq ta' lejla fis-sajf
X'ħuġġieġa, xi ħlewwa ta' kwiekeb ileqqu
Taħsibhom djamanti milquta ħafif
Mill-qawwa ta' mrieżaq ix-xmejxa moħbija
Fis-satra u l-mistrieħ ta' filgħaxija.
Imbagħad tarahom jintfew, u waħda waħda
Jinħbew fid-dawl tal-jum, għax huma wkoll
Jagħrfu x-xejn tagħhom quddiem qawwiet ix-xemx.
Il-bniedem biss,
Għax Alla ħalqu jifhem
U tah id-dehen biex jagħraf il-Ħallieq
Ta' kull ma jaf; il-bniedem biss, bla qalb,
Iblah, nieqes mis-sewwa,
Li jgħid "Alla ma hemmx".